**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 15 - L-ERBGĦA 10 TA' ĠUNJU 2020**

Din il-laqgħa saret permezz ta' Zoom Cloud Meeting fil-17.25.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier (daħal fis-18:05) |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier (daħal fis-17:50) |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2 Il-Minuti kienu ikkunsidrati moqrija u ġew approvati wara proposta mill-Kunsillier Gatt issekondata mill-Kunsillier Cuomo.

2.3 Arising minn para. 2.3 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku ippruvat tikkomunika mad-Direttur tal-Ħarsien tal-Annimali biex issir laqgħa però ma setgħatx taqbdu, għalhekk bgħatitlu imejl. Skont il-lista hemm 59 qattus għal *neutering.*

*2.4* Arising minn para. 2.8 tal-minuti preċedenti dwar Ġieħ in-Naxxar – Is-sottokumitat iltaqa' u għadu qed jiddiskuti il-kriterji.

*2.5* Arising minn para. 3.3 tal-minuti preċedenti – Wara ammont kbir ta' kuntatti li s-Sindku għamlet rigward ix-xogħlijiet ta' Triq San Pawl issa se jsir ix-

xogħol tad-drenaġġ kif ukoll iż-*zebra crossing*. Is-Sindku qegħda f'kuntatt kontinwu mas-CEO tal-WSC sabiex ix-xogħol isir kif suppost.

*2.6* Arising minn para. 3.8 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat li fil-ġurnata ta' qabel twaħħal il-*Billboard* fil-Ġnien tat-Triq tal-Labour bħala Konsultazzjoni Pubblika kif maqbul mill-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill issa jistenna l-kummenti tar-residenti fuq dan il-proġett.

*2.7* Arising minn para. 3.9 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku pproponiet biex issir laqgħa mal-Awtorità tal-Artijiet biex jiddiskutu l-problema tal-karavans.

2.8 Arising minn para. 3.11 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri dwar l-applikazzjoni għal fondi biex jiġu rrestawrati ż-żewġ statwi li hemm fil-Pjazza dawk ta' San Ġużepp u tal-Madonna tal-Karmnu. Is-Sindku kif ukoll is-SE irringrazzjaw lill-Amministrazzjoni kif ukol lil Meusac tax-xogħol li għamlu. Is-SE spjega li meta l-Kunsill jiġi biex japplika għal dawn it-tip ta' fondi jinħoloq ammont kbir ta' xogħol avolja l-ammont mitlub huwa relattivament żgħir.

2.9 Arising minn para. 3.18 tal-minuti preċedenti dwar Ġnien Santa Marija tal-Anġli f'BIC - Is-Sindku rrċiviet mingħand id-Dipartiment tax-Xogħlijiet dawn il-punti:

2.9.1 Id-dawl qed jiffunzjona;

2.9.2 Il-*fence* se jkun mibdul dan ix-xahar;

2.9.3 Soft Flooring – Id-Dipartiment qed jikkomunika biex iġib kwotazzjonijiet għat-tneħħija eżistenti u biex jitwaħħal wieħed ġdid;

2.9.4 Rigward il-funtana, d-Dipartiment qed jippjana biex jissewwew il-ħsarat u l-funtana terġa' tiġi tiffunzjona.

2.10 Is-Sindku staqsiet lid-Dipartiment meta x-xogħol għandu jitlesta iżda d-Dipartiment irrisponda li fadal aktar xogħol li jsir allura ma jistax jgħati data fissa.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fit-8 ta' Ġunju s-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun Tramuntana. Hi infurmat li l-websajt ġiet aġġornata www.regjuntramuntana.eu. It-tnedija tal-websajt se tkun fl-10 ta' Lulju 2020 fil-11:30.

3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li r-Reġjun se jixtri 24 kameras li jiswew madwar €60,000. Il-Lesa se jieħdu ħsieb l-infurzar. Kull kamera se tiġi tiswa lill-Kunsill bejn €600 u €1000 fis-sena dan jinkludi l-*internet*, dawl u manutenzjoni. Il-kameras se jiġu installati fi Triq l-Imdina u Triq San Pawl (viċinanzi tal-Valyou). Dwar dan kien hemm qbil.

3.4 Is-Sindku kellha laqgħa rigward id-Development Planning Fund. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-Perit Frans Mallia fejn għamel il-preżentazzjoni. Is-Sindku stiednet lill-Kunsillieri jidħlu fil-websajt tal-PA. Is-Sindku talbet lis-SE biex jibgħatilhom il-*link*.

3.5 Fuq mistoqsija li kien hemm minn naħa tal-AKL u DLG rigward ir-riċiklaġġ kien hemm qbil biex ma jkunx hemm kuntratt mir-Reġjun iżda jibqa' b'kunsilli individwali.

3.6 Is-Sindku infurmat rigward il-proġett tal-Energy Saving. Ir-Reġjun Tramuntana se joħroġ sejħa tal-offerti għall-bozoz LED – SEPA. Dan se jiġi ffinanzjat 100%. Dwar dan kien hemm qbil.

3.7 Is-Sindku semmiet li se jkun hemm tnedija rigward kors tal-finanzi għall-Kunsillieri.

3.8 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsillieri li saru rapporti ta' *Risk Assessment* fuq il-bandli ta' Ġnien Toni Vella kif ukoll fuq il-Ġnien Santa Marija tal-Anġli. Preżentament qed isir skrutinju tal-*findings* u rakkomandazzjonijiet. L-amministrazzjoni se tgħaddi l-informazzjoni lill-Kunsillier responsabbli biex possibilment għal laqgħa li jmiss jitressqu l-proposti meħtieġa lill-Kunsill.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI ĦLASIJIET

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approvahom (nem com) wara proposta mill-Kunsillier Cuomo issekondata mill-Kunsillier Deguara. Il-lista tal-pagamenti (immarkata "Seduta tal-Laqgħa Nr 8/15" kif anness f'appendiċi A kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'appendiċi B, Ċ u D rispettivament.

## 6. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

6.1 Is-SE ressaq ir-rapport mis-sottokumitat Talbiet u Lmenti

6.2 F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Abela. Il-Ħin kien 17:50. Il-Kunsillier Abela prova jidħol fis-sit ta' zoom mill-bidu tal-laqgħa iżda minħabba problemi teknici ma setax isegwi għalhekk ġie l-uffiċċju tal-Kunsill.

6.3 Is-SE spjega li nstabet soluzzjoni rigward il-marki tal-linja s-safra fi Sqaq Castro biex b'hekk ma jkunx hemm problemi għar-resident li jbati mill-mobilità u għar-resident li ma jimblokjax ir-residenza tagħha.

6.4 Il-Kunsillier Gatt talab li terġa' ssir konsultazzjoni mill-ġdid mis-sottokumitat dwar każ numru 18282. Il-Kunsill qabel. Is-SE informa lill-Kunsillieri rigward lill-Kunsill qed jirċievi talbiet għal humps. Hu ssuġerixxa sabiex isir *policy* rigward dan.

6.5 Il-Kunsillier Deguara talab li jerġa' jitqajjem il-każ mill-ġdid mis-sottokumitat dwar każ numru 14858. Il-Kunsill qabel.

6.6 Il-Kunsill approva r-rapport fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Brincat.

## 7. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

7.1 Is-SE ressaq ir-rapport mill-Kumitat tal-Finanzi.

7.2 Is-SE spjega fid-dettal dwar *item* 2 biex il-Kunsill ikollu pjan għas-Sejħiet tal-Offerti ta' din is-sena.

7.3 Is-SE spjega fuq *item* 3 rigward il-kuntratt tal-*Outdoor* Gym. Rigward il-ħlas addizjonali, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lil Kunsill lill-klawsola tgħid li m'hemmx ħlassijiet addizzjonali. Il-Kuntrattur ittermina l-Kuntratt. Skont il-kuntratt, fuq parir tall-avukat, jekk ix-xogħol jieqaf għal tul ta' 180 ġurnata mingħajr ma jkun speċifikat fil-kuntratt, il-kuntrattur għandu dritt li jwaqqaf il-kuntratt.

7.4 F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Spiteri. Il-Ħin kien 18:05. Il-Kunsillier Spiteri prova jidħol fis-sit ta' zoom mill-bidu tal-laqgħa iżda minħabba problemi teknici ma setax isegwi.

7.5 Mal-Kuntrattur tal-*gym equipment* il-Kunsill qabel li l-apparat jinżamm il-garaxx tal-Kunsill. Is-SE se jiltaqa' mal-kuntrattur fejn se jsir ftehim biex il-Kunsill iħallas 60% meta l-apparat jinġabb il-garaxx u 40% meta jsir it-tqegħid. Importanti li meta l-apparat jasal ikun issiġillat sew.

7.6 F'dan il-ħin il-Kunsillier Cuomo telqet mill-laqgħa. Il-ħin kien is-18:30 .

7.7 Il-Kunsill approva r-rapport fuq proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

## 8. L-ITTRA TA' DIREZZJONI MILL-AWDUTURI (MANAGEMENT LETTER)

8.1 Is-SE informa lill-Kunsillieri li s'issa għadu ma ffinaliżax ir-risposta. Din se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 9. POŻIZZJONI DWAR IL-PROPOSTA GĦALL-INĊINERATUR FIL-MAGĦTAB

9.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti dwar il-kwistjoni tal-Magħtab. Il-laqgħa saret fis-27 ta' Marzu 2020 permezz ta' ZOOM.

9.2 Dawn il-minuti ġew approvati u huma annessi f'E.

## 10. ĦRUĠ TA' SEJĦA TAL-OFFERTI GĦALL-KOSTRUZZJONI TAL-OUTDOOR GYM

10.1 Minħabba lill-kuntrattur ttermina l-kuntratt, il-Kunsill se joħroġ sejħa tal-offerta għal kuntratt ġdid. Bħalissa l-Kunsill għaddej bid-diskussjonijiet mal-Perit rigward l-ispeċifikazzjonijiet.

## 11. MOZZJONI DWAR IL-MARKIŻ SCICLUNA

11.1 Il-Kunsillier Brincat ippreżenta mozzjoni issekondata mill-Kunsillier Gatt.

11.2 Ġie ssuġerit li ssir laqgħa mal-familja tal-Markiż Scicluna bil-għan li l-ħidma kbira li wettaq għan-Naxxar il-Markiż tkun rikonoxxuta uffiċjalment u b'mod annwali permezz ta' ġurnata stabbilita għalih.

11.3 Il-Kunsill se jinforma lis-Sur Paul Catania sabiex jgħin fuq ir-riċerka meħtieġa għal din l-inizjattiva.

11.4 Mil-laqgħa proposta għandhom joħorġu inizjattivi li għandhom jitwettqu.

11.5 Il-Kunsill approva *nem con*.

**12. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:09.

12.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju fis-17:45 ġewwa l-Kunsill Lokali Naxxar.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**

**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**

**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**